MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1579/2004

**Jimcam Enterprises Limited**

**Vs**

**Zarb Coaches Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm145) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' prodotti kkonsenjati.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-Artikolu 2148 (B) tal-Kodici Civili u li fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Jimmy Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u Emmanuel Zarb in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti rrizulta li ghal numru ta' snin is-socjeta' konvenuta kienet tixtri z-zebgha u materjal relatat minghand is-socjeta' attrici. L-ahhar okkazjoni ta' bejgh sehh fit-2 ta' Settembru, 1999.

Jirrizulta wkoll mill-provi li meta kien isir il-bejgh, il-kont ma kienx jinhareg u jintbaghat dak il-hin izda s-socjeta' attrici kienet tigbor il-kontijiet tax-xahar u tibghathom fl-ahhar ta' kull xahar.

L-ammont mitlub fil-kawza odjerna jirrapprezenta bilanc dovut *as at* 23 ta' Novembru 1999, billi din kienet l-ahhar data li sar pagament akkont.

Issa l-konvenut qieghed iressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili u cjoe' preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fuq bejgh ta' oggetti.

It-Tribunal jidhirlu li dan l-Artikolu tal-ligi ma japplikax stante li ghalkemm huwa minnu li f'dan il-kaz kien hemm bejgh ta' oggetti fuq bazi *retail*, jirrizulta pero' li l-kont ma kienx jintbaghat dak il-hin stess izda jintbaghat fl-ahhar ta' kull xahar u fil-fatt kien hemm kont bejn il-partijiet. Mill-provi jirrizulta li qabel il-25 ta' Marzu, 1999 ma kienx hemm bilanc *outstanding* izda mid-dokument esebit jidher ukoll illi z-zewg pagamenti li saru f'Lulju 1999 u f'Novembru 1999, ma kienux pagamenti ta' l-ammont intier li kien dovut dak il-hin, izda pagamenti akkont.

Dan kollu jwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni li bejn il-partijiet kien hemm sistema ta' *rendering of account* u ghalhekk l-Artikolu tal-ligi adatt ghal finijiet ta' preskrizzjoni

huwa l-Artikolu 2151 (2) tal-Kapitolu 16 u mhux l-Artikolu citat mill-konvenut u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Inoltre t-Tribunal jidhirlu li huwa xieraq u opportun li jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq il-mertu sabiex jaghti opportunita' lill-konvenut iressaq provi dwar il-hlas o meno ta' dak mitlub u dan billi, ghalkemm il-proceduri quddiem dan it-Tribunal huma sommarji, dan it-Tribunal ma jridx ikun daqstant sommarju li l-konvenut jahseb li ma nghatax opportunita' xierqa li jressaq il-provi tieghu.

Ghaldaqstant il-kawza qed tigi differita ghall-provi finali u finali trattazzjoni ghall-21 ta' Frar, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------